MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 339/2008/1

**GO p. l. c.**

**vs**

**Mall Systems Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Ottubru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u hmistax-il Ewro u sittax-il centezmu (€1615.16) minghand is-socjeta' konvenuta, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telekomunikazzjoni bin-numru S/C 2659. U peress illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata

> diversi drabi sabiex thallas, izda baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenut ingunta ghas-subizzjoni.
>
> Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
>
> Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
>
> Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, sitt mija u hmistax-il Ewro u sittax-il centezmu (€1615.16), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta. ”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi n-notifikazzjoni lilha ta’ l-att promotur ta’ l-Avviz ma saretx skond il-ligi u dan ghandu jgib l-inficjar ta’ l-istess sentenza moghtija fil-konfront taghha;

Mill-atti processwali jirrizulta illi wara xi tentativi inutili – ara riferti negattivi tal-Marixxal tad-29 ta’ Mejju, 2008 u 19 ta’ Gunju, 2008 a fol. 7 u 9 tal-process – is-socjeta` attrici intavolat rikors (21 ta’ Lulju, 2008) li permezz tieghu talbet li tkun awtorizzata tinnotifika lill-kontro-parti wara l-hin legali u bil-procedura tal-pubblikazzjoni u ta’ l-affissjoni ai termini ta’ l-Artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12. Din it-talba giet milqugha mit-Tribunal b’digriet tal-31 ta’ Lulju, 2008 (fol. 13) u s-socjeta` attrici ghaddiet biex tipprocedi fit-termini tat-talba taghha;

L-atti jkomplu juru illi l-procedura tan-notifika wara l-hin legali wkoll tat rizultat negattiv – ara riferta tal-Marixxal tal-21 ta' Awissu, 2008 (fol. 14). Invece, dik tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni giet esegwita kif inhu hekk attestat mill-pubblikazzjoni ta' l-estratt ta' l-Avviz fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Settembru, 2008 (fol. 15) u f'gurnal lokali (The Times, 10 ta' Settembru 2008, fol. 19), bl-affissjoni ssir fil-11 ta' Settembru, 2008 (fol. 17);

Sa hawn allura n-notifikazzjoni, kif rettament ikkontemplata fis-subinciz (5) ta' l-Artikolu 187 trattasi ta' notifika lil persuna guridika, u mhux ukoll dak espress fis-subinciz (3) ta' l-istess artikolu, erronjament indikat mis-socjeta` attrici fir-rikors taghha, saret konformement ghal dak dispost mill-Kodici ritwali. Dan fis-sens illi kif provvdut mill-precitat Artikolu 187 (5) n-notifika saret regolarment:-

(i) billi twahhlet kopja ta' l-iskrittura fil-post jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficcjali, fejn dak il-korp ikollu l-ufficcju registrat, ufficcju principali, jew il-post tan-negozju tieghu;

u (ii) billi twahhlet ukoll kopja ta' l-iskrittura mal-bieb ta' l-ufficcju registrat, ufficcju principali, jew post tan-negozju;

u (iii) billi sunt ta' l-iskrittura gie mitbugh fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gurnal ta' kuljum wiehed;

Gara, izda, li mentri b'estratt ta' l-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern kien sew indikat bl-indirizz korrett ta' l-ufficcju registrat tal-kumpanija konvenuta, ossija Numru 15 Triq l-Uqija, Swieqi, konfacjenti ghal dak muri fuq l-Avviz tat-Talba, mhux l-istess haga kien il-kaz fir-rigward tal-pubblikazzjoni fil-gurnal ta' kuljum u ta' l-affissjoni ta' l-istess att promotur. Hawnhekk, l-indirizz muri kien dak erronjament indikat bin-numru 5 fl-istess triq;

Premess dan, jigi rilevat illi filwaqt li qorti jew tribunal kellhom dejjem jidderiegu ruhhom mill-presunzjoni tal-ligi stabbilita fl-imsemmi Artikolu 187 (5) ghal mod kif ghandha ssir in-notifikazzjoni regolari u *ad unguem* ta' l-att, kellu jkun, imbaghad, presuppost illi l-lok fejn issir l-affissjoni jew kif muri fil-pubblikazzjoni kellu jkun korrispondenti ghal dak ta' l-ufficcju registrat, u mhux ukoll dak ta' indirizz divers. Jekk xejn, ghaliex l-istess skop tal-ligi, sija jekk taht is-subinciz (5), sija ukoll taht is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 187, hu dak li tintlahaq il-mira fihom prevvisti illi l-att jigi notifikat lil persuna, legali jew fizika, li lilha ghandu jkun hekk notifikat. Dan, *multo magis*, imbaghad fir-riflessjoni ta' l-implikazzjonijiet guridici pregudizzjevoli ghad-destinatarju ta' dik in-notifikazzjoni;

Huwa veru li hawnhekk si tratta ta' zball materjali fl-enumerar tas-sede legali tas-socjeta` konvenuta appellanti. Daqstant iehor pero` huwa veru wkoll illi meta n-notifikazzjoni, anke jekk bil-mod ta' l-affissjoni u tal-pubblikazzjoni, ma tkunx giet effettwata kif suppost ghaliex tkun saret f'lok jew lill-persuna li ma' l-att ma ghandhom ebda attinenza, jew ghaliex ma jkun jezisti ebda riferiment mad-destinatarju tan-notifikazzjoni ta' dak l-att, dik l-istess notifikazzjoni ghandha, f'dawn id-dati cirkustanzi, titqies ghal kollox inezistenti u daqs li kieku ma saretx;

Ghal dan il-motiv din il-Qorti ma tistax taccetta l-proposizzjoni kontenuta fis-sentenza appellata illi s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata u naqset li tidher. Huwa, anzi, il-kaz li s-socjeta` appellanti titqieghed fl-istat *ante quo* l-prezentata tal-kapitolu mis-socjeta` attrici biex wara li s-socjeta` konvenuta tkun debitament notifikata fis-sens tal-konsiderazzjonijiet hawn premessi, il-kawza ssegwi l-perkors taghha skond il-ligi;

Il-Qorti ssib raguni u gustifikazzjoni processwali biex f'kazijiet ta' din ix-xorta rigwardanti notifikazzjoni ta' l-att promotur tal-kawza ma tapplikax id-dispost tas-subinciz

(4) ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380 biex b'hekk ma jintilefx il-beneficcju tad-doppju ezami, u tkun skansata inikwita ma' l-istess partijiet. Linejarment ma' dan il-hsieb il-Qorti ser tipprovdi bl-infraskritt provvediment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal biex, prevja d-debita notifikazzjoni mill-gdid ta' l-att ta' l-Avviz lis-socjeta` konvenuta, il-kawza tipprosegwixxi sal-finalita` taghha skond il-ligi. Fic-cirkustanzi huwa xieraq illi l-ispejjez s'issa inkorsi taz-zewg istanzi jibqghu sopportabbli fi kwoti ndaqs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------